# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 27 ta' April 2017**

**Rikors Numru: 193/2017 JPG**

**Kawza Numru: 23**

**Av. Daniel Buttigieg (158087M) bhala mandatarju specjali ta' Dockguard Limited, kumpannija registrata l-Ingilterra bin-numru ta' registrazzjoni 3702914**

**VS**

**J.P. Baldacchino & Co. Limited (C2832); u DGJPB JV**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' J.P. Baldacchino & Co. Limited (C2832), datat 2 ta' Marzu 2017, li jaqra hekk;

Tesponi bir-rispett,

*1. Illi permezz ta' digriet tas-27 ta' Frar 2017, fuq rikors tal-Avukat Daniel Buttigieg nomineipprezentat fl-istess gurnata tas-27 ta' Frar 2017, dina l-*

*Onorabbli Qorti ghogobha tordna l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-esponenti u dan sabiex jigi kawtelat allegat kreditu ta' "Sorte: € 806,900 (tmien mija u sitt elf, u disa' mitt Ewro); Imghax: Rizervati; Spejjez: Rizervati" a bazi ta' "Kawzali" konsistenti fi "**…ammont dovut mill-kumpannija sekwestrata lill-kumpannija sekwestranti in konnessjoni mal-kuntratt ta' appalt bejn id-Direttur Generali tal-Kuntratti ghan-nom ta' Transport Malta u DGJPB JV b'riferenza numru CT3047/15 u ai termini tal-Joint Development Agreement datat 20 ta' Awwissu 2015 bejn l-istess kumpannija sekwestranta u l-kumpannija sekwestrata.**";*

*2. Illi tali mandat gie esegwit billi gew notifikati ghadd ta' sekwestratarji, inkluz ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali;*

*3. Illi l-kumpannija esponenti qeghda tattakka tali mandat ta' sekwestru kawtelatorju ai termini tal-Art. 836 tal-Kap. 12, u dan ghas-segwenti ragunijiet li huma validi skond il-ligi:*

(a) *Illi principalment il-kumpannija esponenti ssostni li fic-cirkostanzi mhuwiex ragonevoli li l-mandat odjern jinzamm fis-sehh u lanqas ma huwa mehtieg u dan ai termini tal-art. 836(1)(f);*

(b) *Illi minghajr pregudizzju u subordinatament, fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mill-kumpannija sekwestranta mhuwiex prima facie gustifikat jew huwa eccessiv u dan ai termini tal-art. 836(1)(d);*

(c) *Illi minghajr pregudizzju u subordinatament, hemm garanzija xierqa ohra li tassigura bizzejjed il-pretensjoni tas-sekwestrant u dan ai termini tal-art. 836(1)(c).*

*4. Illi l-kumpannija sekwestrata hija konsapevoli tal-fatt li din l-Onorabbli Qorti ghandha biss taghmel ezami prima facie dwar jekk jezistux cirkostanzi bizzejjed li jwasslu ghar-revoka tal-mandat odjern. Tenut kont ta' dan pero' huwa necessarju li jsiru dawk is-sottomissjonijiet kollha mehtiega minghajr ma wiehed jidhol fil-*

*mertu tal-kaz sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha kwadru car quddiemha u tkun tista' tasal ghad-decizjoni taghha. Dan wara kollox huwa mitlub mil-ligi stess fl-art. 836(2);*

*5. Illi ghalhekk in sostenn tat-talba taghha l-kumpannija sekwestrata tressaq is-segwenti sottomissjonijiet:*

*6. Illi kif tistqarr il-kumpannija sekwestranti fil-kawzali tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru odjern, jezisti bejn il-kumpannija sekwestranti u l-kumpannija sekwestrata Joint Development Agreement ('**JDA**') datat 20 ta' Awwissu 2015 (kopja tieghu hawn anness u mmarkat Dok. '**AB1**'), li kien baghat iffirmat ir-rapprezentant tal-kumpannija sekwestranti permezz ta' l-email, kopja taghha hawn anness wkoll;*

*7. Illi l-kontendenti kienu ghamlu l-JDA sabiex flimkien bhala Joint Venture bl-isem DGJPB JV jibbidjaw ghat-tender li kien hareg Transport Malta li huwa l-mertu tal-kuntratt bir-referenza CT3047/15 imsemmi mill-kumpannija sekwestranti u fl-eventwalita' li jirbhu dan it-tender bejniethom jaghmlu x-xoghol mahsub bl-istess kuntratt;*

*8. Illi fil-fatt DGJPB JV rebhet l-istess tender u ffirmat kuntratt ta' appalt mad-Direttur Generali tal-Kuntratti ghan-nom ta' Transport Malta bir-referenza numru CT3047/15;*

*9. Illi a tenur ta' l-artikolu 3.5 mill-JDA il-kontendenti ftehmu testwalment li "each Party will deliver the material in accordance with its particular expertise and skill, and which the Parties, as the case may be, would be required to deliver in accordance with the contract, and that Party delivering the said material will invoice the other Party, with 60 days credit terms."*

*10.Illi a tenur ta' l-artikolu 2 mill-istess JDA il-kontendenti ftehmu wkoll li kellhom jaqsmu l-profitti mill-kuntratt in kwistjoni;*

*11.Illi l-kumpannija sekwestranti kienet tat power of attorney (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. '**AB2**') lill-kumpannija sekwestrata;*

*12.Illi ghax-xoghol li lahaq sar minn DGJPA JV sa' l-ahhar tas-sena li ghaddiet, l-istess DGJPA JV harget zewg fatturi lil Transport Malta, wahda datata 17 ta' Ottubru, 2016 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. '**AB3**') li kienet thallset direttament lill-kumpannija sekwestrata akkont ta' l-ispejjez li kienet harget l-istess kumpannija sekwestrata u l-ohra datata 23 ta' Dicembru, 2016 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. '**AB4**');*

*13.Illi sa dakinhar tat-tieni fattura msemmija hawn fuq, il-kumpannija sekwestrata kellha tiehu minghand il-kumpannija sekwestranti s-somma ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin elf, sitt mija u erbgha u tletin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€421,634.87), eskluz l-imghax kummercjali fuq l-istess (kopja ta' statement of account hawn anness u mmarkat Dok. '**AB5**');*

*14.Illi l-kumpannija sekwestranti kienet qeghda tikkontendi li kienet dovuta lilha s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf hames mija u hamsa u sittin Ewro u hdax-il centezmu (€24,565.11) (kopja tal-e-mail relattiva mill-kumpannija sekwestranti hawn annessa u mmarkata '**AB6**'), li wara telghet ghal hamsa u erbghin elf u ghoxrin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€45,020.23), bilanc minn somma ikbar wara li l-kumpannija sekwestrata ghamlet xi hlasijiet, skond l-istatement of account hawn anness u mmarkat Dok. '**AB7**'*

*15.Illi qabel DGJPA JV harget favur Transport Malta il-fattura datata 23 ta' Dicembru, 2016 (Dok. '**AB4**'), is-socjeta' sekwestranti,* **ad insaputa** *tal-kumpannija sekwestrata, kienet irrevokat il-power of attorney (Dok. '**AB2**') u dak li kellha thallas Transport Malta lil DGJPA JV abbazi ta' l-istess fattura kellu jmur f'kont bankarju differenti minn dak li l-istess DGJPA JV, rapprezentata mill-kumpannija sekwestrata permezz tal-istess power of attorney kienet tuza sa dakinhar (kopja tal-korrispondenza relattiva minghand il-kumpannija sekwestranti u minghand Transport Malta hawn annessa u mmarkata rispettivament Dok. '**AB8**' u Dok. '**AB9**');*

*16.Illi fil-fatt, Transport Malta kienet inghatat struzzjonijiet mill-kumpannija sekwestranti sabiex il-hlas isir f'kont bankarju differenti wara li s-socjeta' sekwestrata saret taf bir-revoka u dana kif jirrizulta mill-korrispondenza hawn annessa (Dok. '**AB9**');*

*17.Illi l-kumpannija sekwestrata sabiex thares l-interessi taghha peress illi kellha tiehu somma sostanzjali minghand il-kumpannija sekwestranti, ghamlet mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1903/16 kontra s-socjeta' sekwestranti u kontra DGJPA JV (kopja tieghu hawn anness u mmarkat Dok. '**AD10**'), f'idejn Transport Malta;*

*18.Illi mill-fatti suesposti li lkoll jirrizultaw mid-dokumenti annessi u riferibilment ghar-ragunijiet naxxenti mill-artikolu 836(1), wiehed jislet is-segwenti osservazzjonijiet:*

*19.Illi a tenur tal-kuntratt li DGJPA JV iffirmat mad-Direttur tal-Kuntratti,* ***huwa car li s-socjeta' sekwestrata qatt ma kellha u m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' sekwestranti; semmai hija Transport Malta li kellha taghti u lanqas lill-kumpannija sekwestranti imma lill-DGJPA JV****;*

*20.Illi a tenur tal-JDA (Dok. '**AB1**'), skond l-artikolu 3.5 mill-istess, dato ma non concesso li l-ammont ta' hamsa u erbghin elf u ghoxrin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€45,020.23) reklamat mill-kumpannija sekwestranti fl-istatement of account hawn anness (Dok. '**AB7**') huwa dovut bhala l-prezz tal-materjal allegatament supplit minnha (u xejn iktar) semmai il-mandat ta' sekwestru odjern kellu jkun fuq is-somma ta' hamsa u erbghin elf u ghoxrin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€45,020.23)* ***<u>u mhux fuq €806,900</u>****;*

*21.Illi l-kumpannija sekwestranti qeghda tikkawtela l-pretensjonijiet taghha permezz tal-mandat ta' sekwestru odjern fuq l-istess ammont li kellu jithallas minn Transport Malta u li ma thallasx lill-DGJPA JV ghaliex gie debitament iddepozitat il-Qorti wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (Dok. '**AB9**') mahrug mis-socjeta' sekwestrata;*

*22.Illi wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug mis-socjeta' sekwestrata u n-nota pprezentata in atti (Dok. '**AB11**'), salv transazzjoni li l-kontendenti qeghdin jikkultivaw, is-socjeta' sekwestrata hija obbligata li tibda arbitragg sat-13 ta' Marzu, 2017, u dana skond l-artikolu 7.2 mill-JDA (Dok. '**AB1**') li fih il-kumpannija sekwestranti tista' taghmel kontro-talba sabiex titlob dak li qeghda tippretendi minghand il-kumpannija sekwestrata llum;*

*23.Illi sakemm m'hemmx gudizzju finali f'dan l-arbitragg, is-somma li l-kumpannija sekwestrata stess ikkawtelat bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju taghha ha tibqa' f'idejn ir-Registratur tal-Qorti. F'dan is-sens il-pretensjoni tal-kumpannija hija diga' kawtelata;*

*24.Illi fit-tentattivi ghal transazzjoni (naturalment bla pregudizzju ghaz-zewg kontendenti), il-kumpannija sekwestrata ipproponiet li l-ammont maqbud il-Qorti u kull ammont iehor li ghandha thallas Transport Malta jmorru f'escrow account li l-beneficarji tieghu jkunu l-avukati rispettivi ta' l-istess kontendenti;*

*25.Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi, il-kumpannija sekwestrata ssostni li fic-cirkostanzi mhuwiex ragonevoli li l-mandat odjern jinzamm fis-sehh u lanqas ma huwa mehtieg u dan ai termini tal-art. 836(1)(f);*

*26.Illi minghajr pregudizzju u subordinatament, fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mill-kumpannija sekwestranta mhuwiex prima facie gustifikat jew huwa eccessiv u dan ai termini tal-art. 836(1)(d);*

*27.Illi minghajr pregudizzju u subordinatament, hemm garanzija xierqa ohra li tassigura bizzejjed il-pretensjoni tas-sekwestrant u dan ai termini tal-art. 836(1)(c);*

*28.Illi oltre ghar-revoka tal-mandat odjern, il-kumpannija sekwestrata qeghda titlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-kumpannija sekwestranti sabiex thallas penali lill-kumpannija sekwestrata u dan a bazi tal-art. 836(8)(b) minhabba li l-kumpannija sekwestranti naqset milli tinterpella lill-kumpannija*

*sekwstrata ghall-hlas tal-ammonti pretizi minnha fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug tal-mandat, tenut kont ukoll tal-fatt li l-pretensjoni fl-istatement of account (Dok. '**AB5**') kienet ferm anqas minn dik rinfaccata biha l-kumpannija sekwestrata fil-mandat odjern, u tal-art. 836(8)(d) minhabba li huwa car li t-talba tal-kumpanija sekwestranti saret b'malizzja u hija frivola u vessatorja;*

*29.Illi finalment u subordinatament, tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-kumpannija sekwestrata qeghda titlob ukoll lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ai termini tal-art. 838A tordna lill-kumpannija sekwestranti taghti garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax li jistghu jigu ordnati li thallas, u fin-nuqqas li tinghata tali garanzija, li tneħħi l-att kawtelatorju;*

*Ghaldaqstant, il-kumpannija sekwestrata titlob bir-rispett illi ghar-ragunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru. 337/17 fl-ismijiet premessi fl-intier tieghu jew f'parti minnu skond kif espost f'dan ir-rikors, ai termini tal-Artiklu 836(1)(c) u/jew (d) u/jew (f) tal-Kap. 12 u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni, inkluz l-ordni ghall-hlas ta' penali ai termini tal-Artiklu 836(8)(b) u/jew (d) u l-ordni ghall-ghoti ta' garanzija ai termini tal-Artiklu 838A.*

*Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-kumpannija sekwestrata, inkluza kawza ghal danni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-Av. Daniel Buttiegieg noe (ID 158087M), datat 20 ta' Marzu 2017, a fol 35 et seq, li jaqra hekk;

*Illi din ir-risposta qeghda issir in segwitu ghar-rikors ghar-revoka intavolat mir-rikorrenti fis-7 ta' Marzu 2017. Illi t-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba s-segwenti ragunijiet;*

1. *Illi r-rikorrenti qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru ai termini ta' l-Artikoli 836(1)(f),(d) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi fl-ewwel lok it-talba ghar-revoka tal-mandat ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12. tal-Ligijiet ta' Malta, ossija fuq bazi li l-mandat mhux ragonevoli li jinzamm fis-sehh u/jew li mhux aktar mehtieg hija infondata gia la darba ma kien hemm l-ebda bdil materjali fil-fatt li taw lok ghad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti li permezz tieghu ordnat il-hrug tal-mandat u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni valida il-ghaliex il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-ordni minnha moghtija meta effetivament gie milqugh il-mandat ta' sekwestru originarjament.*

3. *Illi effetivament il-kwistjoni jekk il-mandat ghandux jintlaqa u jekk huwiex gustifikat prima facie saret minn din l-Onorabbli Qorti qabel ma inghata d-digriet li permezz tieghu l-mandat gie milqugh. Illi ghalhekk sakemm ma ikunx hemm bdil materjali fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti m'ghandiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet meta laqghet il-mandat. Illi fil-gimgha li ghaddiet bejn meta gie intavolat il-mandat u r-rikors ghar-revoka, certament ma kien hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi li b'xi mod jew iehor jistghu iwasslu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddipartixxi mill-kunsiderazzjonijiet maghmula sabiex tintlaqa l-ordni originali ghall-hrug tal-mandat.*

4. *Illi fil-kawza Ryan John Farrugia vs Olive Gardens Investments Limited 1255/11JRM deciza fit-3 ta' Settembru 2011, il-Qorti kkunsidrat illi:*

   *Illi tajjeb jew hazin, minbarra dan bizejjed li jinghad illi jekk il-quddiem il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal ghall-fehma li l-ezekutant m'ghandux jedd ghall-kumpens tad-danni minnu pretiz, xorta wahda ma jistax jinghad illi l-mandat ma kienx gustifikat. Is-success jew telfien tal-kwistjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju inhareg b'mod vessatorju jew fieragh.*

*Allura fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni ta' jekk huwiex ragonevoli il-mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ta' l-intimat ezekutanti*

*Illi jinghad li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li wara l-hrug tal-mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma ikunx xieraq li l-istess mandat jiqba (ghal kollox jew in parti) fis-sehh.* ***Din it-tifsira tohrog mill-kliem jinzamm jew aktar mehtieg li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini it-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien gustifika il-hrug u z-zamma fis-sehh tal-mandat, issa m'ghadux il-kas; Illi la darba l-ezekutata ma ssemmi l-ebda raguni ohra li tista twassal lill-Qorti biex tqis is-siwi tat-talba taghha, il-Qorti ikollha toqghod fuq il-kunsiderazzjonijiet li saru minnha taht il-kawzali ta' qabel***

5. *Illi dana l-insenjament gie addottat minn din l-Onorabbli Qorti ukoll fil-kawza* ***Perit Duncan Mifsud vs Joseph Vella 1224/15 MH deciz fis-16 ta' Marzu 2016*** *u fil-kawza* ***Maria Baldacchino vs Edwin Pace deciza fil-21 ta' Lulju 1998 fejn il-Qorti*** *kkunsidrat illi fi proceduri taht l-Artikolu 836(1)(f), il-Qorti m'ghandiex il-funzjoni li tirrevedi dak li ghamlet il-Qorti diversament ippresjeduta jew li tissindikaha izda ghandha tara biss jekk hux ragonevoli l-mandat jiqba fis-sehh jew jekk ghadux mehtieg.*

6. *Illi l-kliem ta' l-artikolu stess juri illi sabiex tirnexxi talba ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jenthieg illi ikun hemm bidla bejn dak l-istat ta' fatt fil-hin tal-hrug tal-mandat u meta issir it-talba ghar-revoka. Illi l-kliem 'm'huwiex aktar mehtieg' u 'jinzamm' uzati fil-ligi, juru li effetivament ir-rekwizit kardinali ta' l-Artikolu hija il-bidla fic-cirkostanzi, stante li tali kliem effetivament jesprimu bidla, ossija sitwazzjoni fejn il-mandat kien mehtieg, u ghalhekk dekretat, u issa le. Dan certament m'huwiex il-kas odjern.*

7. *Illi ghalhekk issegwi illi gia la darba ma kien hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi li wasslu ghall-hrug tal-mandat ir-rikorrenti ma jistax jistrieh fuq is-sub-artikolu*

*(f) tal-Artikolu 836 (1)(f) u dan sempliciment ghaliex tali sub-artikolu huwa applikabbli biss meta ikun hemm bidla sostanzjali li tista twassal ghal bdil fil-htiega ta' mandat.*

8. *Illi effetivament dak li r-rikorrenti qeghda tittanta taghmel bis-sub-artikolu (f) huwa appell mid-digriet moghti minn din il-Qorti fejn ordnat il-hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, gia la darba hija qeghda tittenta idawwar id-decizjoni mehudha fid-digriet. Issegwi ghalhekk illi gia la darba ma jezistix appell minn digriet li jordna l-hrug tal-mandat, fin-nuqqas ta' bdil tac-cirkostanzi li wasslu ghall-hrug tal-mandat, ma hemm xejn li jista iwassal lill-din il-Qorti li tbiddel id-decizjoni mehuda.*

9. *Illi r-rikorrenti targumenta ukoll illi l-mandat ghandu jigi revokat ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi skond ir-rikorrenti l-mandat m'huwiex prima facea gustifikat jew eccessiv, liema talba l-esponenti jirrispingi bhala infondata fil-att u fid-dritt;*

10. *Illi l-pretensjoni ta' l-esponenti tikkonsisti kemm fil-pagamenti dovuti lilha ai termini tal-Joint Development Agreement, u ai termini tal-kuntratt ta' appalt CT 3047/15 bejn id-Dipartiment tal-Kuntratti ghan-nom ta' Transport Malta u DGJPB JV,*

11. *Illi ai termini ta' l-istess ftehim il-joint venture kellha tezegwixxi appalt ta' design, supply, delivery, installation and commissioning of fenders for deep water quay, Marsa, liema xoghol gie ezegwit mill-joint venture bl-esponenti tkun il-membru ewlieni tal-joint ventire in kwistjoni.*

12. *Illi l-partijiet kienu ftehmu illi huma jaqsmu il-profitti li taghmel il-joint venture, wara li jitnaqqsu l-ispejjez 60/40, b'60% imorru ghand l-esponenti wara li l-esponenti assumiet 60% tar-riskji kinesis max-xogholijiet u dan kif jirrizulta mill-Joint Development Agreement hawn anness u mmarkat Dok DB1.*

13. *Illi in oltre l-partijiet kienu ftehmu illi jinfetah kont bankarju f'isem il-joint venture, u li fih kellhom jigu depozitati l-pagamenti kollha maghmulin minn Transport Malta. Illi ghal dan il-ghan l-esponenti kienu taw prokura lis-socjeta intimata, u dan bl-intiza illi s-socjeta intimata tiftah kont bankarju f'isem il-joint*

*venture kif ukoll sabiex l-intimata tissottometti it-tender ghall-progett, liema progett gie mirbugh mill-joint venture.*

14. *Illi in oltre jinghad illi m'huwiex korett meta jinghad illi l-profitti kellhom jinqasmu 50/50 bejn is-socjeta esponenti u dik rikorrenti, gia la darba jigi rilevat u dan kif johrog mid-Dokument DB1 hawn anness, ossija mill-kopja tal-Joint Development Agreement (JDA) li jifforma parti integrali mill-kuntratt CT 3047/2015, liema (JDA) gie effetivament sottomess lill-Transport Malta mis-socjeta sekwestrata stess, illi l-profitti kellhom jinqasmu in kwsntu ghal 60% imorru ghand Dockguard u 40% lis-sekwestrata.*

15. *Illi l-ammont li l-esponenti, ai termini tal-kuntratt hawn fuq imsemmi tippretendi, li ser ikun il-mertu ta' l-arbitragg li ser jigi intavolat, jammonta ghall-€806,900, u ghalhekk jenthieg illi l-esponenti tikkawtela il-pretensjoni taghha permezz tal-mandat kawtelatorju odjern.*

16. *Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat u iddeterjorat meta effetivament l-esponenti saru jafu illi pagamenti maghmulin minn Transport Malta ma bdewx imorru direttament fil-kont bankarju tal-joint venture, imma fuq ordnijiet tar-rikorrenti thallsu direttament lir-rikorrenti. Huwa tajjeb li jinghad ukoll illi minkejja li s-socjeta esponenti ghamlet diversi xhur tishaq illi s-socjeta rikorrenti kienet thallset is-somma €13,500 direttament minn Transport Malta, meta dawn il-flus kellhom jigu trasferiti direttament fil-kont tal-joint venture, dan il-fatt qatt ma gie rikonoxxut minn JP Baldacchino, ghajr li tali pagament dirett gie finalment ammess fil-proceduri odjerni.*

17. *Illi in oltre jinghad illi l-ezami li trid taghmel din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wiehed prima facea, u ghalhekk tikkonstata jekk dan id-dritt effetivament jissusistiex. Illi jirrizulta ampjament illi l-esponenti ghandhom jircievu pagamenti mis-sekwestrati in vista tal-JDA, tal-kuntratt ta' appalt ma Transport Malta, u ghalhekk jirrizulta prima facea li l-ammont huwa gustifikat.*

18. *Illi f'dan l-istadju m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tissindika fil-mertu l-ammont reklamat mill-esponenti imam li effetivament tara jekk m'ghad*

*daqqa t'ghajn il-pretensjoni ta' l-esponenti tissusistiex, liema fatt johrog ampjament.*

19. *Illi fil-kawza* ***Taorima Holdings Limited vs Biochemical International Limited, Rikors Nru 715/2003, deciz fit-30 ta' Ottubru 2003,*** *gie kkunsidrat illi;*

    *Fil-hrug ta' atti kawtelatorji ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effetivament dovut. Jista jkun bizzejjed li minn qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jesistux l-estremi li trid il-ligi, skond il-provedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwestjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat;*

20. *Illi s-socjeta rikorrenti tishaq li dan il-mandat huwa eccessiv, meta effetivament mill-atti li jirrizulta huwa li l-uniku mandat li jidher li huwa eccessiv huwa effetivament dak intavolat mis-socjeta rikorrenti fejn qeghda titlob il-hlas ta' €712,000, meta effetivament mir-rikors taghha stess jirrizulta illi hija tippretendi hlas ta' circa €421,000.*

21. *Illi in oltre jinghad li l-fatt li l-esponenti kienet bghatet statement of account ghas-somma ta' €45,020 bl-ebda mod ma jimpingi fuq il-pretensjoni ta' l-esponenti ghaliex tali statement of account kien biss parti zghira tal-pretensjoni ta' l-esponenti. Illi dan l-istatement of account jikkorispondi biss ghall-parti mill-pretensjoni ta' l-esponenti, ossija ghall-parti mill-ispejjez, liema statement kien intbghat, irrid jinghad, mill-avukat sottoskritt bhala attachment f'email mibghuta minghajr pregudizzju u dan bhala parti minn trattativi ghall-soluzzjoni bonarja temporanja bejn il-partijiet. Illi tali statement irrid jinqara fil-kuntest fejn qieghed jispjega parti mill-pretensjoni ta' l-esponenti fin-negozjati li kienu ghaddejin u li ghandhom ghaddejin bejn*

*il-partijiet. Fl-email li maghha kien anness tali statement of account, il-proposta ghall-hlas ta' l-esponenti, mibghuta ghall-skopijiet ta' transazzjoni temporanja bejn il-partijiet, kienet ferm akbar.*

22. *Illi in oltre r-rikorrenti jikkontendu illi ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) l-esponenti ghandhom garazija xierqa li tissostitwixxi d-dritt kawtelat permezz tal-mandat ta' sekwestru odjern, u dan skond ir-rikorrenti, permezz tal-flus depozitati minn Transport Malta in segwitu ghall-mandat ta' sekwestru intavolat minnhom stess.*

23. *Illi fl-ewwel lok din is-somma ma tikkawtelax it-talba kollha ta' l-esponenti imma hija biss parti mit-talba u ghalhekk certament ma hemm l-ebda garanzija xieraq li tista tinghata.*

24. *Illi in oltre irrid jinghand illi s-socjeta esponenti interpellat lis-sekwestrati ghall-hlas ta dak li hu lilha dovut diversi drabi waqt il-korrispondenza li ghaddiet bejn l-avukati tal-partijiet, liema korrispondenza hija ovjament privileggjata gia la darba issir minghajr pregudizzju.*

25. *Illi hija kontradizzjoni li jinghad li l-esponenti, kienet u ghada fi trattativi sabiex soluzzjoni bonarja bejn il-partijiet ghall-vertenz ata' bejniethom koncernanti JDA in kwistjoni u l-kuntratt ta' appalt ma Transport Malta, u fl-istess hin jinghad li ma kien hemm l-ebda interpellazzjoni ghall-hlas. Illi ghalhekk it-talba ghall-hlas ta' penali hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt.*

26. *Illi ghar-rigward tat-talba ghall-garanzija, jinghad li din m'hijiex ordni li ssir awtomatikament, imma sta ghas-socjeta rikorrenti li tipprova l-htiega tal-hrug ta' tali garanzija, liema rekwizit hija naqqset milli tipprova.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet attrici.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Adrian Baldacchino, direttur tas-socjeta JP Baldacchino & Co Limited,** xehed a fol 51 *et seq* illi l-partijiet fil-*joint venture* kienu ftehmu li jifthu kont bankarju mal-Bank of Valletta u ghalkemm il-ftehim originali kien illi l-partijiet kollha jkunu firmatarji, peress illi r-rikorrenti huma barranin kien hemm iktar formalitajiet li kellhom jigu osservati u ghalhekk il-kont infetah f'isem is-socjeta ntimata biss. Spjega li sabiex jinfetah dan il-kont bankarju kienet inghatat prokura mis-socjeta rikorrenti.

**In kontro-ezami** xehed illi l-kont bankarju kien jghajjat lis-socjeta ntimata *on behalf of* (*obo*) il-*joint venture,* pero l-firmatarja u l-entita li kellha kontroll fuq dan il-kont kienet is-socjeta ntimata, minkejja li skont il-ftehim tal-*joint venture* kienet is-socjeta rikorrenti li kienet il-*lead partner* ta' dan il-progett. Ikkonferma illi l-ewwel pagament ta' tlettax-il elf u hames mitt ewro (€13,500) dahal f'dan il-kont, u baqghu fil-kont.

Mistoqsi jekk skont il-ftehim taghhom il-profitt kellhomx jinqasmu 60 – 40, wiegeb illi fil-verita' il-profitti kellhom jinqasmu 50 – 50 minkejja dak miftiehem, il-ghaliex bejniethom kienu ftehmu li l-profitti jinqasmu ugwalment. Zied illi dan il-ftehim ma kienx intlahaq bil-miktub, izda biss verbalment fuq it-telefon. Ghar-rigward tar-riskju pero il-ftehim kien li 60% jmur fuq Dockguard, u 40% fuq JP Baldacchino. Gara pero illi JP Baldacchino and Co. Limited kienet harget il-finanzjament kollhu tal-progett u ghalhekk xorta wahda kienu ftehmu li l-profitti jinqasmu ugwalment.

Mistoqsi x'gara mis-somma ta' tlettax-il elf u hames mitt ewro (€13,500) wiegeb li dan l-ammont ghadu fil-kont bankarju ghaliex il-progett kien tal-*joint venture* u mhux tal-kumpannija tieghu biss. Xehed illi m'huwiex minnu li Dockguard ma kienux jafu li dahhlet din is-somma fil-kont bankarju u li anzi kienu gew informati mill-ewwel. Kompla li Dockguard kienu qed jaghmlu *mark up* ta' 10% fuq il-prezzijiet, u kien minhabba din l-iskoperta li r-relazzjoni tal-partijiet spiccat fix-xejn u Dockguard irrevokat il-prokura li kienet inghatat lil JP Baldacchino. Imbaghad kien sar jaf illi Dockguard kienet harget

invoice ta‘ hames mija u erbgha telef ewro (€504,000), biddlet il-kont bankarju minn dak miftiehem u ppretendiet li l-flus imorru hemm **minkejja li kienet dejjem is-societa‘ intimata li harget l-flus**. Qal li kien ghalhekk li hadu azzjoni, peress illi Dockguard ghandhom problemi finanzjarji serji. Xehed illi ghalhekk kien intavola mandat ta‘ sekwestru u l-flus gew depozitati l-Qorti minn Transport Malta.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta sekwestrata qed titlob ir-revoka tal-mandat ta‘ sekwestru odjern ai termini tal-Artikolu 836 (1) (c), (d), u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikat, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta’ Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta’ kawzi dwar revoka ta’ Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***.

Illi fid-digriet fl-ismijiet **“Joseph Camilleri et vs Anthony Gove’ et”** tal-**10 ta’ Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **“Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et” tad-29 ta’ Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *“li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ ‘prima facie’, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn ‘si tratta’ dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.”*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)"***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12 jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti hija moralment konvinta li fil-kaz odjern tressqu provi fuq livell ta' *prima facie* illi l-ammont sekwestrat mis-socjeta sekwestranti huwa ghal kollox eccessiv u dan kif jirrizulta *prima facie* mid-dokumenti li gew prezentati mis-socjeta sekwestrata u mix-xhieda ta' Adrian Baldacchino. Minn naha taghha, s-socjeta sekwestranti **ma ressqet l-**

**ebda prova sabiex tirribatti l-provi mressqa mis-socjeta sekwestrata u bl-ebda mod ma pprovat tiggustifika l-ammont sekwestrat minnha; u dana aktar u aktar meta wiehed jinnota skond il-provi prima face kienet s-societa' intimata wahedha li tghabbit bil-piz finanzjarju kollhu tal-joint venture, u meta wiehed jinnota illi almenu sal-provi prima face, il-profit margin kien biss ta' 20% tal-ammont kollhu tal-joint venture.**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi dan il-mandat ghandu jigi revokat ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Galadarba l-att kawtelatorju qed jigi revokat, il-Qorti tqis illi m'hemmx htiega li s-socjeta sekwstranta tigi ordnata taghmel garanzija ai termini tal-Artikolu 838A kif mitlub mis-socjeta sekwestrata.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta sekwestrata qed titlob ukoll illi s-socjeta sekwestranti tigi ordnat thallas penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) (b) u (d).

It-talba ghall-penali taht l-Artikolu 836(8) hija sanzjoni fakoltativa imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[1] L-Artikolu 836(8) tal-Kapitoli 12 huwa ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament.[2]

Ghalhekk il-Qorti tkun tenuta li timponi dawn il-penali biss fejn jirrizultaw l-estremi indikati mill-ligi, u cioe:-

[1] Av. Ann Fenech noe vs Il-Bastiment MY Whispering Angel, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 5 ta' Gunju 2015.

[2] Joseph Tabone vs Capece Construction Limited, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 14 ta' Awissu 2013; Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia noe et, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 2 ta' Awissu 2012; Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Marzu 2003; Joseph Rapa vs Raymond Sammut, Qorti tal-Appell Civili, deciza 13 ta' Marzu 2001.

*(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*

*(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Skont is-sub inciz 8 (b) tal-Artikolu 836, il-Qorti tista' timponi penali fuq is-sekwestrant jekk, meta s-sekwestrat jitlob ir-revoka tal-mandat, is-sekwestrant jonqos milli jressaq gustifikazzjoni ghal mandat li tieghu qed tintalab ir-revoka, jew jekk ma kienx hemm interpellazzjoni ghal hlas qabel ma gie intavolat il-mandat, sakemm dan in-nuqqas ma kienx rizultat ta' urgenza.

Kif diga gie rrilevat aktar il-fuq, is-socjeta sekwestranta naqset ghal kollox milli tressaq gustifikazzjoni ghal hrug tal-mandat odjern, tant illi lanqas biss indenjat ruhha tressaq provi in sostenn tal-pretensjoni taghha, ghajr ghall-kopja tal-ftehim tal-*joint venture* flimkien mar-risposta taghha. Filfatt, is-socjeta sekwestranta lanqas biss ipproduciet xhud sabiex tikkontrasta u tirribatti ix-xhieda moghtija minn Adrian Baldacchino. S-socjeta sekwestranta certament ma provatx almenu fuq bazi ta' prima face, li dan is-sub inciz m'ghandux japplika minhabba kwistjonijiet ta' urgenza.

Il-Qorti tqis illi f'dawn ic-cirkostanzi estremi, l-Qorti ghandha timponi l-hlas ta' penali fuq is-socjeta sekwestranti, il-ghaliex, fid-dawl ta' dak hawn fuq rilevat, jidher illi dawn il-proceduri ntuzaw b'maniera mhux xierqa, tant illi s-societa stess lanqas biss indenjat ruha tipproduci provi biex b'xi mod tiggustifika l-uzu taghhom ghas-sekwestru tal-ammont rilevanti, li, fuq provi *prima facie,* rrizulta assolutament eccessiv.

Ghalhekk il-Qorti tqis li ghandu jigu mpost fuq is-socjeta sekwestranti penali ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li ghandhom imorru favur is-socjeta sekwestrata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi thassar il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 337/17, u tordna lis-socjeta sekwestranta thallas lis-socjeta sekwestrata is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500), rapprezentanti penali imposti ai termini tal-Artikolu 836 (8) (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta sekwestranta.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**